REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 102/2009

tat-3 ta' Frar 2009

dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf [1], u partikolarment l-Artikoli 3 u 9d(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-miżuri tranżizzjonali għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi fl-għalf imressqa skont id-Direttiva 70/524/KEE qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-addittiv imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament tressqet qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Il-kummenti tal-bidu dwar din l-applikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE, tressqu lill-Kummissjoni qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Din l-applikazzjoni għalhekk se tibqa' titqies skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

(5) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu *Enterococcus faecium NCIMB 10415* kien awtorizzat proviżorjament għall-klieb u l-qtates mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 358/2005 [3]. Dan kien awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien għall-għoġġiela mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2004 [4], għat-tiġieġ għat-tismin u l-ħnieżer għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 943/2005 [5], għaż-żrigħ mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005 [6] u għall-ħnienes mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 252/2006 [7].

(6) Tressqet informazzjoni ġdida b'appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu għall-klieb u l-qtates.

(7) Il-valutazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għall-awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni tal-mikroorganiżmu, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni li tagħmel parti mill-grupp "Mikroorganiżmi" kif speċifikat fl-Anness, hija awtorizzata għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittiv fl-għalf tal-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1
[2] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[3] ĠU L 57, 3.3.2005, p. 3. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 275M, 6.10.2006, p. 192.
[4] ĠU L 243, 15.7.2004, p. 10. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 183M, 5.7.2006, p. 50.
[5] ĠU L 159, 22.6.2005, p. 6. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 275M, 6.10.2006, p. 397.
[6] ĠU L 195, 27.7.2005, p. 6. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 287M, 18.10.2006, p. 217.
[7] ĠU L 44, 15.2.2006, p. 3. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 330M, 28.11.2006, p. 177.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru KE	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf shih			
Mikroorganiżmi								
E 1705	*Enterococcus faecium NCIMB 10415*	Preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium li fiha minimu ta' forma ta' microencapsulated: 5 × 10^9 CFU/g*	Klieb	—	4,5 × 10^6	2,0 × 10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita preliminari, indika t-temperatura għall-ħżin, il-perjodu tal-ħżin, u l-istabbilità għall-pelleting.	Mingħajr limitu ta' żmien
			Qtates		5,0 × 10^6	8,0 × 10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita preliminari, indika t-temperatura għall-ħżin, il-perjodu tal-ħżin, u l-istabbilità għall-pelleting.	